

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2123

tat-30 ta' Novembru 2016

dwar l-armonizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kundizzjonijiet ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment għall-forzi armati u għall-awtoritajiet kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2016) 7711)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, l-Istati Membri huma obbligati li jippubblikaw minn tal-inqas erba' liċenzji ġenerali ta' trasferiment.
- (2) Il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment huma element ewlieni tas-sistema ta' liċenzjar issimplifikata li ddaħħlet bid-Direttiva 2009/43/KE.
- (3) Id-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment ippubblikati minn Stati Membri f'termini ta' prodotti relatati mad-difiża koperti u l-kundizzjonijiet diverġenti applikati għat-trasferimenti ta' dawn il-prodotti jistgħu jfixklu l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE u l-kisba tal-mira tagħha ta' simplifikazzjoni. L-armonizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kundizzjonijiet għat-trasferimenti skont il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment ippubblikati minn Stati Membri hija importanti biex tiżgura l-attraenza u l-użu ta' dawk il-liċenzji.
- (4) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/43/KE issuġġerew li l-armonizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kundizzjonijiet għal trasferimenti b'liċenzji ġenerali ta' trasferiment ippubblikati mill-Istati Membri tista' tinkiseb bl-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.
- (5) Il-linji gwida ppreżentati f'din ir-Rakkomandazzjoni huma r-riżultat ta' negozjati mal-Istati Membri dwar l-armonizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti taħt liċenzja ġenerali tal-forzi armati u l-awtoritajiet kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE ("GTL-AF")
- (6) Din ir-rakkomandazzjoni hija meqjusa bħala bażi għal GTL-AF tal-Istati Membri. Il-prodotti relatati mad-difiża elenkati taħt il-punt 1.1 ta' din ir-Rakkomandazzjoni huma lista minima u mhux eżawrjenti ta' prodotti li għalihom l-Istati Membri jippermettu t-trasferiment taħt il-GTL-AF tagħhom. Dan ifisser li l-GTL-AF ippubblikata minn Stat Membru tista' tippermetti wkoll it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża inklużi fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE li mhumex elenkati f'din ir-Rakkomandazzjoni.
- (7) L-Istati Membri jfakkru li huma marbuta b'impenji taħt id-dritt Ewropew, bħalma hija l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ⁽²⁾, kif ukoll l-impenji internazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni.
- (8) Din ir-Rakkomandazzjoni tapplika għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea kif imniżżel fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE. Din ir-Rakkomandazzjoni ser tiġi aġġornata meta jkun meħtieġ sabiex tirrifletti aġġornamenti futuri tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termeni u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. LIĊENZJI ĠENERALI TA' TRASFERIMENT GĦALL-FORZI ARMATI U GĦALL-AWTORITAJIET KUNTRATTWALI KIF IMSEMMI FIL-PUNT (A) TAL-ARTIKOLU 5(2) TAD-DIRETTIVA 2009/43/KE

1.1. Prodotti relatati mad-difiża eliġibbli għal trasferiment taħt liċenzja ġenerali ta' trasferiment għall-forzi armati u għall-awtoritajiet kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE

Dawn il-kategoriji LM b'subpunti li ġejjin huma subsett tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża mniżżlin fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE. Il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għall-forzi armati u għall-awtoritajiet kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva ("GTL-AF") għandha, bħala minimu, tippermetti t-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża speċifikati permezz tal-kategoriji LM hawn taħt. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinkludu aktar kategoriji LM ta' prodotti relatati mad-difiża li jikkorrispondu fil-GTL-AF tagħhom.

Il-lista tal-kategoriji LM li għandhom jiġu koperti bħala minimu:

— LM 4. Subpunti (a) u (b). Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:

- Minjieri
- Munizzjon tat-tip cluster, bombi u splussivi u submunizzjonijiet u l-komponenti tagħhom imfassla apposta
- Granati li jintefgħu bl-idejn u granati sparati bl-azzarini
- Torpidows, torpidows mingħajr applikazzjoni ta' testata u korpi ta' torpidows
- Bombi
- Igġwidati, mhux igġwidati u proġettili oħra (jiġifieri, rokits, missili, MANPADS, ...)
- Apparat esplożiv tal-infanterija, kargi li jeħlu u vojta.

Huma esklużi wkoll għal dawn l-armi:

- Testati tal-gwerra u kargi ta' splussivi
 - Kargi ta' tqabbid
 - Irjus ta' detezzjoni tal-mira, sistemi ta' gwida, apparat li jwassal lura għall-bażi
 - Stadji individwali ta' rokit
 - Vetturi tad-dħul mill-ġdid
 - Magni
 - Sistemi ta' kontroll tal-vettur tal-ispinta
 - Tagħmir għall-illanċjar u lanċaturi
 - Sistemi ta' tqegħid, ingann, imblukkar jew tfixkil
 - Komponenti ddisinjati apposta għal MANPADS.
- LM 5. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
- Prodotti ta' kontramiżura
 - Tagħmir u komponenti esklużi minn kategoriji oħra fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.
- LM 6. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
- Vetturi kompluti
 - Xażi u turretti
 - Tagħmir u komponenti esklużi minn kategoriji oħra fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.
- LM 7. Subpunt (g).

- LM 9. Il-prodotti kollha, ħlief:
 - Bastimenti u sottomarini kompluti
 - Apparat ta' kxif ta' taħt l-ilma u l-komponenti tagħhom imfassla apposta
 - Sistemi ta' Propulsjoni Indipendenti mill-Arja ddisinjati apposta għal sottomarini u l-komponenti tagħhom imfassla apposta
 - Bwieq sħaħ
 - Kontromiżuri
 - Tagħmir u komponenti esklużi minn kategoriji oħra fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.
- LM 10. Il-prodotti kollha, ħlief:
 - Inġenju tal-ajru komplut
 - UAVs kompluti u komponenti ddisinjati apposta jew modifikati għall-UAVs
 - Qafas tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied u tal-ħelikopters tal-ġlied
 - Magni tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied
 - Tagħmir u komponenti esklużi minn kategoriji oħra fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.
- LM 11. Subpunt (a). Dawn il-merkanziji biss:
 - Tagħmir ta' gwida u ta' navigazzjoni, ħlief is-sistemi ta' MANPADS jew kif iddefinit mill-MTCR I
 - Sistemi awtomatizzati ta' kmand u kontroll.
- LM 13. Subpunti (c) u (d).
- LM 14. Il-prodotti kollha, ħlief tagħmir għat-taħriġ tal-MANPADS.
- LM 15. Subpunti (b), (c), (d) u (e).
- LM 16. Il-prodotti kollha, ħlief:
 - Oġġetti relatati mal-MANPADS
 - Kwalunkwe punt relatat ma' oġġetti li l-esportazzjoni tagħhom mhijiex permessa taħt l-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.
- LM 17. Subpunti (a), (b), (d), (e), (j), (k), (l), (m), (n), (o) u (p). Il-prodotti kollha, ħlief:
 - Subpunt (n): Mudelli ta' ttestjar huma esklużi jekk ikunu ddisinjati speċifikament għall-iżvilupp ta' oġġetti speċifikati minn LM4, 6, 9 jew 10 kif ukoll komponenti ddisinjati apposta għal dawn il-mudelli tat-test.
- LM 21. subpunt (a) u (b). Il-prodotti li ġejjin biss u jekk ikunu awtorizzati minn kategoriji oħra f'din il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment biss
 - (a) "Software" ddisinjat apposta jew modifikat għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - 1. It-tħaddim jew il-manutenzjoni ta' tagħmir stabbilit fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE;
 - (b) "Software" speċifiku, minbarra s-software speċifikat minn ML21.a., kif ġej:
 - 1. "Software" ddisinjat apposta għal użu militari u maħsub apposta għall-immudellar, l-istimulazzjoni u l-evalwazzjoni tas-sistemi tal-armi militari;
 - 4. "Software" iddisinjat apposta għall-użu militari u ddisinjat apposta għal Kmand, Kommunikazzjonijiet, Kontroll u Intelligence (C3I) jew applikazzjonijiet ta' Kmand, Kommunikazzjonijiet, Kontroll, Kompjuter u Intelligence (C4I);

- LM 22. Subpunt (a). It-teknoloġiji kollha ħlief dawk meħtieġa għall-iżvilupp u l-produzzjoni u biss jekk ikunu awtorizzati minn kategoriji oħra fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.

1.2. Kundizzjonijiet li għandhom ikunu inkorporati fil-Liċenzja Ġenerali ta' Trasferiment għall-Forzi Armati

Din il-lista ta' kundizzjonijiet li ġejja mhijiex eżawrjenti. Madankollu, kundizzjonijiet oħra miżjuda minn Stat Membru f'GTL-AR m'għandhomx jikkontradixxu jew jimminaw il-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt.

- Validità ġeografika: Iż-Żona Ekonomika Ewropea (UE 28 u l-Iżlanda u n-Norveġja ⁽¹⁾).
- Trasferimenti mill-ġdid fi ħdan iż-ŻEE huma permessi mingħajr kontrolli *ex ante*; jista' jkun meħtieġ biss rappurtar *ex post*.
- Il-GTL-AF hija maħsuba għall-użu aħħari ta' benefiċjarji eliġibbli kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE. Il-bejgħ sussegwenti, li ma jkunx magħruf fil-mument tat-trasferiment, jitqies bħala esportazzjoni ġdida. Għall-esportazzjonijiet ġodda, hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru riċevitur biex tikkontrolla l-esportazzjonijiet jew it-trasferimenti mibdija minn bejgħ sussegwenti mhux magħruf fiż-żmien tat-trasferiment.
- Għall-fini ta' verifika *ex-post* taħt il-GTL-AF, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jirrapportaw dwar l-użu tal-GTL-AF skont ir-rekwiżiti minimi ta' rappurtar kif speċifikat fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2009/43/KE.

2. SEGWITU

L-Istati Membri huma mistiedna jagħtu effett lil din ir-Rakkomandazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017.

L-Istati Membri huma mħeġġa biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura meħuda biex tagħti effett lil din ir-Rakkomandazzjoni.

3. DESTINATARJI

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 318, 28.11.2013, p. 12), li nkorporat id-Direttiva 2009/43/KE fi Ftehim taż-ŻEE inkludiet test ta' adattazzjoni espliċitu: "Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein".